**<u>Minuti tal-Laqgħa Nru 4 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 3 ta' Mejju 2012 fis-7.30 p.m.</u>**

Tkomplija ta' Agenda tal-laqgħa Nru 3.

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet l-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.00 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier James Cassar | 7.35 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30 p.m. | 10.30 p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

**3.00 Materji Finanzjarji**

3.01 Il-Kunsill approva l-ammonti li dehru fuq l-invoices wara li dawn ġew rikonċiljati ma' l-ammont li jrid isir il-pagament fuqhom. Il-Kunsillier Keith Cassar talab aktar spjegazzjoni dwar items 27,78 u 109 li jitkellmu dwar Rooter switch, network internal switch, u router rispettivament. Il-kumpanija Key Services qed tintalab tagħti aktar spjegazzjoni dwar dawn it-tliet items. Għaldaqstant l-invoices ta' Key Services temporanjament ma ġewx approvati.

Wara il-kunsillier Keith Cassar għandu jiltaqa' mad-direttur tal-kumpanija Key Services biex jissodisfa ruħu mill-informazzjoni mogħtija. Għaldaqstant l-ammont ta' €4,9923.76 għandu jitħallas . Dawn il-pagamenti huma għall-perjodu 01.04.2012 sa 20.04.2012.

3.02 Saret diskussjoni dwar il-pagamenti dovuti mill-Kunsill lis-sewwieqa li ppreżentaw l-invoices tagħhom fuq ħsarat fuq karrozzi kaġunati minn ħofor fit-toroq residenzjali tal-Mosta. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li l-Kunsill ma baqax iħallas l-ammonti għal talbiet li jidħlu wara is-16 ta' Frar 2012. Din skont deċiżjoni meħuda f'laqgħa Nru 60 tas-16 ta' Frar 2012.

Peress li l-awditur is-Sur Michael Debono kien għadu ma wasalx fis-sala tal-Kunsill, il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi għal Item Nru 4, Korrispondenza.

## 4.00 Korrispondenza

### 4.01 Mosta Internal Route : Santa Margerita / Taż-Żokrija Area

Saret diskussjoni dwar ir-rotot proposti minn Transport Malta għaż-żoni Sta Margerita u Taż-Żokrija . Dawn iridu jidħlu fis-seħħ fis-27 ta' Mejju 2012. Transport Malta aċċetttat il-proposta tal-Kunsill Lokali Mosta li minn dakinhar ir-rotta Santa Margerita Belt u ir–rotta Taż-Żokrija Belt se jirranġaw u jsiru diretti.

Il-Kunsilliera David Meilak u James Cassar residenti fiż-żona ta' Sta Margerita qalu li t-toroq minn fejn tgħaddi l-Arriva fil-qalba ta' din iż-żona llum, qatt ma kienu intenzjonati għal dan il-kobor ta' karrozzi. Huma talbu lil Kunsill biex jikteb lil Transport Malta biex tikkonsidra ssib rotot oħra barra ż-żona. Issemmiet li biżżejjed jekk il-karozzi tal-linja jidħlu Santa Margerita biss sa Vjal il-Qalbiena Mostin u ma tidħolx fit-toroq iż-żgħar taż-żona.

Is-Sindku qalet li Transport Malta ma aċċettatx ir-rotta proposta ta' *circular route* għall-Mosta li toħroġ mill-Bidnija, tidħol Santa Margerita u toħroġ Independence Avenue u imbagħad Pjazza u lura lejn Tarġa Gap u l-Bidnija.

Il-Viċi Sindku ippropona li ssir laqgħa għar-residenti Mostin biex huma jkollhom iċ-ċans jesprimu x-xewqat tagħhom dwar xi tibdil propost fir-rotot ta' l-Arriva. Il-kunsill kollu qabel.

### 4.02 Car Parking in Pjazza Brittanja

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-sur Jon Rosser, resident fi Pjazza Brittanja dwar ipparkjar ta' karrozzi fil-Pjazza. Tkellem dwar il-każ il-Kunsillier Alex Muscat.

Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta biex jingħata informazzjoni dwar ipparkjar u sinjali f'kaxxi sofor biex dawn ikunu jistgħu isiru skont il-liġi.

### 4.03 Villa Gollcher

Il-Kunsill ġie infurmat li huwa kien ittratta t-talba tas-Sur Martyn Attard biex isiru kanali fejn l-ilma tax-xita jista' jerġa' jgħaddi mill-ġdid fil-bjar tal-ġonna Villa Gollcher.

Is-Sindku spjegat li fil-minuti tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2012 kien ġie deċiż li biex il-kunsill jagħraf dwar x' kienet l-ispiża ta' dak li qed jintalab mis-Sur Attard għandha ssir laqgħa bejn il-perit privat tas-Sur Attard, il-perit tal-kuntrattur V&C Contractors, il-perit tal-Kunsill Charles Buhagiar u s-Sindku tal-Kunsill . Il-laqgħa kienet saret fid-29 ta' Frar 2012. F'din il-laqgħa ġie kkonfermat li biex l-ilma tax-xita jidħol fil-bjar ta' Villa Gollcher jeħtieġu jsiru 3 Culverts ta' l-ilma fi Triq Tabib Chetcuti. Is-sindku fakkret lill-kunsill li il-kunsill kien għadu ma ħax decizjoni dwar jekk il-kunsill għandux jidħol jew le għal dawn l-ispejjeż.

Għalkemm il-periti intalbu diversi drabi biex jibgħatu dan ir-rapport, sal-lum dan għadu ma wasalx. Is-Sur Chris Refalo, Works Manager ta' V&C Contractors informa lis-Segretarju Eżekuttiv bil-fomm li skont informazzjoni li hu bagħat lill-Perit Charles Buhagiar ir-rata hija ta' €400 kull linear meter. Is-Sur Refalo ġie infurmat biex jibgħat ir-rapport bil-kitba biex il-kunsill ikun f'pożizzjoni li jieħu deċizjoni fuq din it-talba.

**4.04 L-Avukat tal-Kunsill Joe Mifsud jibgħat talba ta' Konsulenza Legali.**

L-Aġent Segretarju tal-kunsill informa lill-Kunsill li t-talba kienet titkellem dwar ħlas ta' €1,231.92 għal-sigħat twal li kien qed jagħmel fl-uffiċini tal-kunsill. Il-kuntratt li skada iktar minn sena ilu hu ta' €4,320 fis-sena. Biss waħda mill-kundizzjonijiet ta' xogħol fil-kuntratt ta' l-avukat hija li huwa għandu jattendi fl-uffiċċju tal-Kunsill għal kemm il-siegħa ikun hemm bżonn.

Il-Kunsilliera qalu li huma jħossu li għalkemm l-avukat kien persuna li altru kien jimmeritah remunerazzjoni għal ħafna xogħol li kien qed jagħmel, dan seta jagħti lok għal preċedent meta tikkonsidra kuntratti oħra li bħal dak ta' l-avukat kienu għalqu wkoll.

Ġie deċiż li il-kunsill għandu jinforma lill-Avukat li t-talba tiegħu ġiet rifjutata.

**4.05 Email Courses Ġodda – TCTC**

Is-Segretarju ta informazzjoni dwar il-courses ġodda li se jkunu organizzati mit-TCTC għal din is-sena. Is-segretarju kien attenda għal working breakfast li sar fl- 20 ta' April 2012.

Il-Viċi Sindku, il-kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni, f'din l-okkażżjoni ma setax jattendi għal-laqgħa bejnu u s-Sur Ray Abela. Biss huwa se jipprova jiltaqa' mad-direttur is-Sur Ray Abela tat-TCTC biex jitkellem miegħu dwar is-suġġett.

**4.06 Manutenzjoni taż-żewġ funtani fil-pjazza tar-Rotunda il-Mosta**

Saret diskussjoni dwar it-talba tal-MRRA biex il-Kunsill jibda jieħu ħsieb il-manutenzjoni taż-żewġ funtani fil-Pjazza ta' fuq iz-zuntier.

Peress li l-kundizzjonijiet jiġbru fihom spejjes ta' €1,456 fis-sena u persuna imqabbda mill-Kunsill biex kuljum tieħu ħsieb din il-manutenzjoni, il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma' l-inġinier tal-MRRA dwar is-suġġett.

**Materji finanzjarji**

Is-Sur Michael Debono ta' D Consulta ippreżenta ir–rapport ta' l-accounts fil-*first quarter* tas-sena. Huwa qal li l-figuri *Unaudited Financial Statements* ippreżentati kienu figuri proviżjonali. Hu kien irrekordja l-invoices kollha sal-31 ta' Marzu 2012. Dawn ma kienux jinkludu xi ħlasijiet ta' xogħol li il-kunsill kien għadu ma jafx bihom u allura ma ġewx mgħoddija lilu. Is-Sindku qalet li allura l-accounts wieħed ma setax jikkummenta fuqhom għax kienu saru xi xogħlijiet fil-lokal minn Frar l' hawn li ma kienux dokumentati mill-Kunsill u allura ma daħlux f'dawn l-accounts. Ġie deċiż li importanti li l-ewwel jiġi finalizzat il-budget proviżjonali.

**5.00 Road Survey**

Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda Survey ta' toroq fil-Mosta. Dan ir-rapport ġie ikkummissjonat mis-Sindku personalment. Ġie identifikat f'dan ir-rapport li biex isir ir-resurfacing ta' dawk it-toroq kollha identifikati, il-kunsill għandu bżonn iktar minn 2 miljun ewro. Is-Sindku bgħatet *synopsis* ta' dan ir-rapport lill-Ministru Gatt u poġġiet fuq il-mejda dan is-*synopsis*. Hi qalet li mill-emails li għaddew bejna u l-Prim Ministru u l-Ministru Austin Gatt li għalissa il-Ministru Gatt ma setax jikkometti ruħu f'dan l-istadju . Għandha ssir laqgħa ma' l-istess Ministru nhar it-Tlieta 8 ta Mejju.

**6.00 Triq id-Dawr u toroq oħra li qed isiru fil-Mosta**

6.01 Tkompliet id-diskussjoni dwar ix-xogħol li kien qed isir fi Triq id-Dawr.

6.02 Ir-residenti talbu lill-kunsill biex jistgħu jitkellmu. Ġie aċċetat li jitkellmu tnejn minn nies. Dawn ir-residenti enfasizzaw il-bżonn li r-residenti ma jibqgħux jgħixu fit-trab li qed jgħixu fih u il-kunsill ilesti it-toroq.

6.03 Is-Sindku qalet li wara li l-Kunsill kien sema' l-interventi li kienu għamlu l-kunsilliera u dawk tar-residenti kien imiss li jinqraw ir-rakkomandazzjonijiet tal-avukat. Fil-qosor dawn kienu jghidu hekk:

- Ir-rapport għandu jitressaq quddiem id-Direttur tal-Gvern Lokali.
- Il-kuntrattur għandu jintalab invoice tax -xogħolijiet li laħqu saru.
- Il-perit tal-kunsill għandu jipprovdi lill-kunsill *status report* dwar Triq id Dawr.
- Il-Kunsill għandu jikkummissjona perit indipendenti biex jagħmel rapport dwar ix-xogħol li ġa kien sar u dak li kien għad baqa' li jsir f'din it-triq.
- Il-kunsill għandu jiddeċiedi il pass li jmiss wara li jircievi ir-rapport tal-perit indipendenti.
- Jekk il-kunsill jiddeċiedi li jkompli ix-xogħlijiet dawn għandhom jinħarġu b'tendering *process* ċara.
- Il-kunsill għandu jimxi mal-liġi u struzzjonijiet ta' xogħol jingħataw b'mod ċar.

6.04 l-Kunsill iddeċieda li għandu jikkummissjona wkoll avukat indipendenti u dan fuq il-parir tal-kunsilliera Dr. Tua li għamlet fil-laqgħa preċedenti.

Ittieħed vot dwar it-tieni fażi tax-xogħol ta' Triq id-Dawr. Il-mistoqsija tpoġġiet mill-kunsillier Alex Muscat:

"Il-Kunsill jaqbel li titkompla t-tieni fażi tat-Triq id-Dawr u Triq l-Istrinġell għas-sigurta' tar-residenti u x-xogħol jitlesta f'perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur".

Is-Sindku għamlet emenda fejn il-mistoqsija ġiet taqra:

"Il-Kunsill jaqbel li titkompla it-tieni fażi tat-triq id-Dawr u Triq l-Istrinġell għas-sigurta' tar-residenti u x-xogħol jitlesta kemm jista' jkun malajr skont il-parametri tal-liġi".

Ittieħed vot għat-tieni mistoqsija emendata.

Voti favur: Sindku, Viċi-Sindku, David Meilaq, James Cassar, Keith Cassar u Marthese Mifsud.

Astensjonijiet: Alex Muscat, Mario Sammut, Brian Bezzina

Voti kontra: xejn

Il-mistoqsija għaddiet.

Is-Sindku ipproponiet li ssir laqgħa straordinarja fejn fiha jkunu mistiedna il-perit u l-avukat tal-kunsill, il-kuntrattur, l-ex Sindku u perit u avukat indipendenti biex dawn jispjegaw lill-kunsill dwar x'ġara eżatt fuq dan il-proġett.

Ittieħed il-vot:

Voti favur: Sindku, Vici Sindku, David Meilak, James Cassar, Keith Cassar, Marthese Mifsud,

Astensjonijiet: Xejn

Voti Kontra: Mario Sammut, Alex Muscat, Brian Bezzina

**7.00 Rapport tal-Bord tal-Aggudikazzjoni fuq Tenders**

Is-Sindku qrat it-tliet rapporti.

**7.01 Rapport KLM 07/10 – Provision of Service for Youth Worker at the Mosta Youth Empowerment Centre**

Il-Bord għażel li il-kuntratt jingħata lill Anna Grech. Il-kunsill għandu jitkellem mas-Sinjura Anna Grech u jinfurmaha bil-ħsieb tiegħu li taħdem għal mhux aktar minn 10 siegħat fil-ġimgħa.

Il-Kunsilliera kollha ivvutaw favur.

**7.02 KLM 02/11 – Provision for Services of a Legal Consultant for the Mosta Local Council**

Il-Kunsilliera kollha ivvutaw favur

**7.03 KLM 06/11 – Tender for the Attendance, Cleaning and Maintenance of Public Convenience Adjacent to the Civic Centre**

Il-Bord iddeċieda li għandu jibgħat għaż-żewġ bidders u jitlobhom klarifika ta' diversi punti.

Il-kunsilliera kollha qablu ma' din il-proposta.

**8.00 Progress Report**

**8.01 Measure 313 – 323**

Is-Sindku tat informazzjoni u l-aħħar żviluppi dwar Measures 313 u 323. Hija qalet li l-Kunsill kien marbut biex sa l-aħħar ta' Lulju jkunu ħarġu l-kuntratti kollha relatati ma' dawn iż-żewġ għejjun ta' fondi. Hi kienet ghamlet laqgħa mas-Sur Austin Walker, iċ-Cerman tal-MEPA fejn talbitu l-għajnuna kollha mill-Mepa fil-permessi fuq dan il-proġett.

**8.02 Attivita': Open Day, il-Ħadd 13 ta' Mejju, 2012**

F'dan il-jum ser ssir attivita' f'Tat-Tarġa Battery għall-familji kollha. Il-Kunsill jinsab fi proċess li qed jsir applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' din l-Batterija lejn il-Kunsill Lokali Mosta. Il-kunsilliera kollha qed jaqblu li l-Batterija għandha tkun devoluta lill-Kunsill Lokali tal-Mosta. B'din id-devoluzzjoni jkun ifisser li għaqdiet fil-Mosta jkunu jistgħu jgawdu minn din l-inizzjattiva.

### 8.03 Patching

Is-Sindku tkellmet dwar il-mod kif sallum talbiet għal pagamenti mill-kuntrattur u ċ-ċertifikati għall-istess xogħol mill-perit, qed jiġu ppreżentati lill-Kunsill. Hi ppreżentat kopja ta' invoice tal-kuntrattur u ċ-ċertifikazzjoni tal-perit għal dan l-istess xogħol. Kulħadd qabel li dawn id-dokumenti ma kienux ċari biżżejjed biex jsir il-pagamenti fuqhom mill-kunsill. Is-sindku spjegat li kienet iltaqgħet mal-perit tal-kunsill u il-kuntrattur u talbithom jaħdmu u jippreżentaw lill-kunsill evidenza ta' xogħol f' mod ċar.

Hi qalet li waqt il-laqgħa kien gie miftiehem li x-xogħol tal-patching tal-ħofor għandu l-ewwel ikun spezzjonat u mmarkat mill-perit u wara li jsir ix-xogħol il-perit se jkun fl-obbligu li jerġa' jispezzjona l-istess xogħol, ikejlu u jippreżenta ċ-ċertifikati biex jista' jsir il-ħlas.

## 9.0 Affarijiet Oħra

9.01 Dr George Cassar ta informazzjoni dwar il-proġett li hemm għaddej bħalissa bejn it-tmien imsieħba, erba' Maltin u erba' Taljani dwar Archaeotur. F'dan il-proġett il-Kunsill Lokali tal-Mosta huwa il-*lead partner*.

Fil-preżent qed jiġu aġġudikati żewġ offerti, *First Line Auditing u Project Assistant*. Is-sistema li se tibda tkun imħaddma minn issa 'l quddiem hija li l-flus jibdew joħorġu direttament mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

9.02 Il-Kunsillier Mario Sammut qal li skont informazzjoni li waslet għandu l-figura ta' €39,000 li għandu l-Kunsill mill-Urban Improvement Funds (UIF) għandha tkun akbar. Is-Sindku wieġbet li tapprezza jekk hu jkompli jsegwi din il-materja u wara jagħti l-informazzjoni lill-Kunsill.

9.03 Il-Kunsillier David Meilak għamel talba lill-Kunsill biex fl-attivita' tas-16 ta' Mejju fid-Day Centre għall-anzjani, il-Kunsill jagħmel tajjeb għat-Trasport. Il-Kunsill approva din it-talba.

Is-Sur Meilak semma' li l-Kunsill għandu jkollu kontroll fuq il-*parking spaces* fil-Mosta. Din il-materja għandha tkun diskussa ma' Transport Malta.

9.04 Il-Kunsillier James Cassar xtaq li l-materja tad-*Double Yellow Lines* tkun diskussa ma' transport Malta biex hekk il-Kunsill ikollu stampa ċara ta' kif jingħataw approvazzjoni ta' dawn it-talbiet.

9.05 Il-Kunsillier Alex Muscat xtaq jagħmel talba għal *loading/unloading bay* quddiem ħanut fi Triq il-Ħtajriet. Huwa għandu jikteb lill-Kunsill dwar din it-talba għal quddiem il-ħanut *The One Discount Shop*.

Alex Muscat tkellem

9.06 Il-Kunsilliera Marthese Mifsud tkellmet dwar isem lil sqaq ġo Triq il-Fortizza. Din tkun trid tiġi diskussa u riferuta lil Street Naming Committee.

Marthese Mifsud

Tkellmet wkoll dwar ħadid li inqalgħu fi Pjazza Tabib Chetcuti u ma reġgħux twaħħlu f'posthom.

Marthese Mifsud [illegible] Charles Vernallo [illegible] Sant Antnin.

Is-Sinjura Mifsud tat informazzjoni dwar attivita' għaż-żgħażagħ li hi se tkun qed torganizza fil-15 ta' Ġunju 2012 fis-Sala tal-Kunsill.

9.07 Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ġie deċiż li l-Kunsill jibda l-proċess biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv flok l-Aġent Segretarju tal-Kunsill.

Għandha tintbagħat talba lid-Direttur tad-Dipartiment biex iħaffef dan il-proċess. F'dan il-kuntest il-Kunsill ikun lest jaċċetta Aġent Segretarju Eżekuttiv għall-perjodu sakemm jinħatar is-Segretarju Eżekuttiv.

Laqgħa oħra tal-Kunsill ġiet aġġornata għall-Ħamis 10 ta' Mejju 2012 fis-7.30 p.m.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv